

31981R0139

L 15/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

17.1.1981

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 139/81****tas-16 ta' Jannar 1981**

**li jiddefinixxi l-kondizzjonijiet għad-dħul ta' ġerti kwalitajiet ta' laħam taċ-ċanga u vitella friżati fis-subintestatura 02.01 A II b) 4 bb) 22 tat-Tariffa Doganali Komuni**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**L-Artikolu 1**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam taċ-ċanga u l-vitella (¹), kif l-aħħar emendat bl-Att ta' Adeż-żonji tal-Greċja (²), u partikolarmen l-Artikolu 11(5) tiegħu,

Id-dħul ta' laħam friżat minn pajjiżi li mhumiex membri fis-subintestatura 02.01 A II b) 4 bb) 22 tat-Tariffa Doganali Komuni (il-ħawsla, l-għonq bl-għadma ta' l-isپalla u qatħaq tas-sidra) għandhom ikunu suġġetti għall-produzzjoni ta' ċertifikat ta' awtentiċità li jissodisfa l-htiġiġiet preskritt f'dan ir-Regolament.

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 162/74 (³), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2014/75 (⁴), iddefinixxa l-kondizzjonijiet għad-dħul ta' ġerti kwalitajiet ta' laħam taċ-ċanga u vitella friżati fis-subintestatura 02.01 A II a) 2 dd) 22 bbb) tat-Tariffa Doganali Komuni; billi minn mindu dak ir-Regolament ġie adottat it-Tariffa Doganali Komuni ġiet emendata; billi, fl-interess taċ-ċarezza, għandhom jiġu adattati d-dispożizzjoni jiet tar-Regolament (KEE) Nru 162/74;

Billi l-iżvilupp tal-kummerċ bejn il-Komunità u pajjiżi mhux membri fil-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella wassal li jiġu diżinjati forom ġodda ta' ċertifikati sabiex tittejjeb l-effiċjenza f'dan il-kummerċ; billi jidher illi huwa xieraq illi ċ-ċertifikat ta' awtentiċità previst fir-Regolament (KEE) Nru 162/74 jiġi allinjal maċ-ċertifikati għal prodotti oħra fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella;

Billi l-prodotti li jidħlu fis-subintestatura 02.01 A II b) 4 bb) 22 tat-Tariffa Doganali Komuni kienu definiti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 586/77 (⁵), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 882/79 (⁶);

Billid-dispożizzjoni jietta'danir-Regolamentuhabsaraghad-dispożizzjoni jiet tal-Komunità adottati rigward il-leġislazzjoni veterinarja u l-leġislazzjoni dwar l-oġġetti ta' l-ikel bil-għan li jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u jimpedixxu l-falsifikazzjoni u l-frodi;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu ma l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam taċ-Ċanga u l-Vitella,

**L-Artikolu 2**

1. Iċ-ċertifikat ta' awtentiċità għandu jkun magħmul f'għamlia ta' formola, li kampjun tagħha hu mogħti fl-Anness I.

Id-daqs ta' din il-formola għandu jkun bejn wieħed u ieħor ta' 210 x 297 mm. Għandha tīgħi użata karta bajda li tiżen mill-inqas 40 gramma kull metru kwadru.

2. Il-formoli għandhom jiġu stampati u mimlija f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Komunità; jistgħu wkoll jiġu stampati u mimlija fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mi-lingwi uffiċjali tal-pajjiż li jesporta.

3. Il-formoli għandhom jimtlew jew ittajpjati jew bl-id. Fil-każ ta' l-aħħar, għandhom jintużaw il-linka u ittri kbar.

4. Kull ġertifikat ta' awtentiċità għandu jkollu numru serjali individwali allokat mill-aġenzija tal-ħruġ imsemmja fl-Artikolu 4.

**L-Artikolu 3**

Iċ-ċertifikat għandu jintbagħħat, flimkien mal-prodott rilevanti, lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru importatur f'xi ħin sa tliet xħur mid-data tal-ħruġ tiegħu.

**L-Artikolu 4**

1. Ċertifikat ta' awtentiċità għandu jkun validu biss jekk ikun mimli kif għandu jkun u endorsjat, bi qbil ma' l-istruzzjoni jiet preskritt f'l-Anness I, minn aġenzija tal-ħruġ li tidher fil-lista mogħtija fl-Anness II.

(¹) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.

(²) ĠU L 291, tad-19.11.1979, p. 17.

(³) ĠU L 19, tat-23.1.1974, p. 10.

(⁴) ĠU L 204, tat-2.8.1975, p. 14.

(⁵) ĠU L 75, tat-23.3.1977, p. 10.

(⁶) ĠU L 111, ta' l-4.5.1979, p. 14.

2. Iċ-ċertifikat ta' awtentiċità għandu jitqies endorsjat kif għandu jkun jekk jispeċifika l-post u d-data tal-ħruġ tiegħu u jekk ikollu t-timbru ta' l-aġenzija tal-ħruġ u l-firma tal-persuna jew persuni awtorizzati biex jiffirmawh.

Sigill stampat jista jigi wżat minnflok it-timbru.

*L-Artikolu 5*

1. Aġenzija tal-ħruġ li tidher fil-lista inkluża fl-Anness II trid:
  - (a) tkun magħrufa bħala tali mill-pajjiż li jesporta;
  - (b) tidħol għall-impenn li tivverifika d-dettalji li jidhru fuq iċ-ċertifikati ta' awtentiċità;
  - (c) tidħol għall-impenn li tgħaddi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri meta tintalab kull tagħrif li jgħin sabiex jiġu valutati d-dettalji li jidhru fuq iċ-ċertifikati ta' awtentiċità.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Jannar 1981.

2. Il-lista għandha tīgi riveduta jekk il-kondizzjoni preskritta fil-paragrafu 1(a) ma tīgħix imħarsa iktar jew jekk aġenzija tal-ħruġ ma twettaqx waħda mill-obbligli li tkun indaħlet għalihom.

*L-Artikolu 6*

Ir-Regolament (KEE) Nru 162/74 huwa b'dan imħassar.

Madankollu, iċ-ċertifikati maħruġa bi qbil mar-Regolament (KEE) Nru 162/74 għandhom jibqgħu validi sat-30 ta' Ġunju 1981.

*L-Artikolu 7*

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-15-il jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Ufficijali tal-Komunitajiet Ewropej.

*Għall-Kummissjoni*

Gaston THORN

*Il-President*

## L-ANNESS I

1 L-Esportatur	2 Ċertifikat Nru	
4 Id-Destinatarju	3 L-Aġenzija tal-ħruġ	
6 Il-Mezz ta' trasport	<p style="text-align: center;"><b>5 ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ</b>  <b>Il-crop iffriżata taċ-ċanga u tal-vitella, qatgħat ta'</b>  <b>chuck, blade u brisket</b></p>	
7 Marki, numri, numru u tip ta' pakketti; deskrizzjoni ta' merkanzija	8 Piż gross (kg)	9 Piż nett (kg)
10 Piż nett (bil-kliem)		
<p><b>11 ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AĠENZIJA TAL-ĦRUġ</b>          Jien, is-sottoskritt, hawnhekk niċċertifika li l-laħam deskritt f'dan iċ-ċertifikat jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjoni murija hawn wara.</p>		
Post: ..... Data: .....		
Firma u timbru (jew siġġil stampai)		

## **Definizzjonijiet**

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

1. *Il-qatħat imsemmija crop, chuck u blade*

il-parti dorsali tal-kwart ta' quddiem, inkluża l-parti ta' fuq ta' l-ispalla, ottenuta minn kwart ta' quddiem b' minimu ta' erba kustilji massimu ta' 10 kustilji b'qata tul linja dritta mill-punt fejn l-ewwel kustilja tingħaqad ma' l-ewwel parti ta' l-i sternum sal-punt ta' rifless tad-djaframma fuq l-10 kustilja;

2. *Il-qatħha msemmija brisket*

il-parti ta' iffel tal-kwart ta' quddiem li jinkludi t-tarf tas-sider saż-żokkra u t-tarf tas-sidra bil-ponta.

---

*L-ANNESS II***Lista ta' l-ġażenzi fil-pajjiżi esportaturi awtorizzati biex joħorġu ċ-ċertifikati ta' awtentiċità**

Pajjiż mhux membru	L-Āġenzija tal-ħruġ	
	Isem	Indirizz
L-Arġentina	Junta Nacional de Carnes	San Martin 459, Buenos Aires
L-Australja	Australian Meat Board and Livestock Corporation	Aetna Life Tower, Hyde Park Square, Sydney 2000
Il-Botswana	Department of Agriculture	Senior Veterinary Officer, Ministry for Agriculture, Private Bag 12, Lobatse
New Zealand	New Zealand Meat Producers Board	Massey House, Lambton Quay Wellington
Is-Swažilandja	Ministry of Agriculture	PO Box 162 Mbabane
L-Urugwaj	Instituto Nacional de Carnes (INAC)	Rincon 459, Montevideo
L-Afrika ta' Isfel	South African Livestock and Meat Industries Control Board	Hamilton and Vermeulen Streets, Pretoria